**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 12 ta' Novembru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Fabien Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**-vs-**

**Khalid Tonna, detentur tal-karta tal-identita` numru 230301L; u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 315/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Khalid Tonna u Omissis u cioe` talli:

1. Fil-lejl fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 ta' April, 2018, ġewwa Vjal it-Torri, Gudja, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni Taljan BL310NZ liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. U aktar talli fit-30 ta' April, 2018, ghall-habta tad-21:00hrs gewwa parkegg fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida, volontarjament taw in-nar lil vettura bin-numru tar-registrazzjoni Taljan BL310NZ u vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBL447 tal-ghamla Toyota izda fil-waqt ma kien hemm l-ebda persuna gewwa u dawn il-vetturi kienu qeghdin b'moghod li ma jistax jqabbad hruq f'bini iehor, gharix fejn waqt il-hruq jkun hemm persuni hemm gew.

**Lil Omissis wahdu talli:**

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D, datata 19 ta' Jannar, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Lil Khalid Tonna wahdu talli:**

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Clarke LLD datata 26 ta' Lulju, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma illum, l-imputat Khalid Tonna ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat sentenza moghtija nhar is-16 t'Ottubru, 2018, moghtija mill-Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, fejn l-imputat gie misjub hati li kiser Ordni moghti ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghti nhar is-26 ta' Lulju, 2017, mill-Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke.

Ghaldaqstant dwar l-ahhar imputazzjoni moghtija lill-imputat wahdu, mhemmx dubbju li japplika l-principju ta' *ne bis in idem,* dritt fundamentali tal-bniedem mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali tieghu, ta' dak li jirrizulta mis-*Social Enquiry Report*[1] fejn gie rakkomandat li l-imputat isib xoghol izda li jinhtieg supervizjoni u gwida, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-imputat ghadu minuri.

---

[1] **Dok CB** a fol. 107 *et seq.*

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 37(2), 49, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 318 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mill-ahhar akkuza, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal tlett (3) snin u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Kif ukoll bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat ihallas lil Francesco Aiello l-ammont ta' €3,500[2] u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex ihallas lill-partijiet lezi.

Finalment ghar-rigward tal-hlas tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, mill-proces verbal esebit in atti jirrizulta li l-esperti David Borg Saydon u Dr. Martin Bajada ghadhom ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom u/jew ghadhom ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti, u ghalhekk ma jistghux jigu determinati definittivament l-ispejjez peritali. L-istess jinghad ghall-hlas dovut lil Dr. Yanika Bugeja mahtura minn din il-Qorti nhar il-11 t'Ottubru, 2018.[3] Ghalhekk ai termini tal-istess artikolu l-hati ghandu jhallas **nofs** l-ammont ta' **€143.23, kif ukoll dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.IX tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

---

[2] Vide **Dok. JR1** fol.71

[3] Vide verbal a fol.153-154

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

**Kommunika: Registratur tal-Qorti**